# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 t' Ottubru, 2019**

**Talba Nru: 331/2018PM1**

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**

**Vs**

**Louis Micallef (ID 322763(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Lulju, 2018 permezz ta' liema is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u hamsin euro u wiehed u ghoxrin centezmi (€2359.21) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal tal-bini u hamrija mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta` attrici kif ukoll kumpens ghal servizzi ta' kiri ta' cranes rezi lill-konvenut mis-socjeta` attrici, fuq inkarigu tieghu stess bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (166A)

bin-numru 58/2016 u datata 30 ta’ Mejju, 2016 u bl-imghax legali mit-30 ta’ Mejju, 2016 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz tat-talba (Dok. BBS1 minn fol. 2 sa fol. 4).

Ra r-risposta datata 9 t’Ottubru, 2018 permezz ta’ liema l-konvenut wiegeb:

1. Illi preliminarjament l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi s-socjeta` attrici accettat sensiela ta’ pagamenti minghand l-eccipjenti ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha, liema pagamenti ser jigu pruvati fil-mori tal-kawza *de quo*.
2. Illi ghalhekk l-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
3. B’rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr. Rachel Tua, ezentata mis-sigriet professjonali, waqt is-seduta tal-24 ta’ Jannar, 2019.

Sema’ x-xhieda ta’ Christopher Borg waqt is-seduta tad-19 ta’ Frar, 2019.

Sema’ x-xhieda ta’ Christopher Borg ukoll waqt is-seduta tad-9 ta’ Mejju, 2019, ra d-dokumenti kollha ezebiti mill-istess xhud u sema’ wkoll ix-xhieda ta’ Dr. Rachel Tua in kontro-ezami waqt l-istess seduta.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici u d-dokument anness maghha datata 17 ta’ Mejju, 2019.

Ra li waqt is-seduta tal-4 ta’ Lulju, 2019 la deher il-konvenut u lanqas l-avukata tieghu u li, wara li ra l-verbali datati rispettivament tas-16 t'April 2019 u ta' l-14 ta' Gunju 2019, wara li ra wkoll li ghal tali seduta ma rrizultax illi gew ingunti xhieda mill-konvenut, it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-provi maghluqa.

Ha konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz u ra d-dokumenti kollha ezebit mill-partijiet rispettivi.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat tas-socjeta` attrici.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-azzjoni odjerna tirrigwardja bilanc ta' prezz ghal materjal ta' bini u hamrija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut u kumpens ghal servizz ta' kiri ta' cranes rezi lill-konvenut mis-socjeta` attrici liema bilanc is-socjeta` attrici tikkontendi ghadu dovut mill-konvenut. Da parti tieghu, il-konvenut jirreferi ghall-pagamenti imwettqin minnu permezz ta' ghadd ta' cekkijiet post-datati u jikkontendi li tali pagamenti saru ghas-saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellha s-socjeta` attrici fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant il-kwistjoni li ghandu quddiemu t-Tribunal essenzjalment tirrigwardja jekk il-pagamenti imwettqin mill-konvenut lis-socjeta` attrici ghandhomx jigu kkunsidrati bhala li saru ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-istess socjeta` attrici b'konsegwenza li t-talba odjerna ghall-hlas tal-ammont bilancjali ma tibqax aktar sostenibbli.

Illi fil-kaz in ezami t-Tribunal sema' verzjonijiet opposti ghal xulxin dwar il-mod illi bih il-konvenut allegatament wasal ghall-ftehim mas-socjeta` attrici dwar il-pagamenti imwettqin minnu. Jekk da parti taghha l-avukata tal-konvenut, permezz tax-xhieda taghha inizjali tikkontendi li "*waqt din il-laqgha kien intlahaq ftehim bejn l-intimat u s-socjeta` attrici li permezz tieghu l-intimat kellu jhallas lill-istess socjeta` attrici bis-sahha ta' 56 cheques* (…) *fis-somma ta' €226.47 kull wiehed.* (…) *Nghid illi tramite l-ftehim illi kien gie milhuq is-socjeta` attrici waqt din il-laqgha kienet accettat li tnaqqas certu ammonti.*" (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minn Dr. Rachel Tua waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2019 a fol. 14 tal-process), da parti tieghu ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici Christopher Borg  jikkontendi li « *jiena m'inix awtorizzat biex naghti discounts qabel ma ngib awtorizzazzjoni minn ta' fuqi.* (…) *Nghid li bhala diskors ma kienx hemm diskors fis-sens ta' qbil. Ahna da parti taghna accettajna c-cekkijiet peress li konna qeghdin*

*naqblu li l-ammont kien wiehed dovut u accettajna wkoll li dawn ic-cekkijiet eventwalment insarfuhom pero` ma accettajna bl-ebda mod li jkun hemm xi skont fir-rigward tal-ammont dovut.* (…) *Nichad li kien hemm xi qbil li dak l-ammont kien ser ikun ghas-saldu.* » (xhieda moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar, 2019 a fol. 17 et. seq. tal-process).

Illi mill-aspett prettament legali jinsab deciz li:

> *"Kif taraha din il-Qorti, f' każ fejn id-debitur ma jkunx ħallas dak kollu pretiż mill-kreditur tiegħu, il-liberazzjoni tiegħu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tiegħu tista', għal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni għas-saldu, tissussisti jekk miċ-ċirkostanzi li fiha sar il-ħlas tiġi deżunta l-espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja għall-kumplament.* ***<u>Rinunzja din, li kif enunċjat f' bosta sentenzi, trid tkun waħda ċara u univoka b' mod li mill-fatti ma tkunx tista' tinġibed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja.</u>*** *Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet "***Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru, 1950'. ... Hekk fis-sentenza "***Johann Schembri proprio et nomine -vs- Charlot Mifsud nomine***", Appell mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, 19 ta' Ottubru, 2005, din il-Qorti kif presjeduta, irravvisat illi, għalkemm in linea ta' massima hu preżunt li min jaċċetta cheque lilu mibgħut fit-termini "full and final settlement", u jgħaddi biex isarrfu, jiġi li aċċetta dak il-ħlas f'dawk l-istess termini preċiżi, eppure, jekk jiġi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghall-pagament b' dik il-modalitá, l-aċċettazzjoni minnu ta' dak ic-cheque u s-sussegwenti tisrif tieghu ma kellux, imbagħad, jiġi rinfaċċjat lilu bħala xi abdikazzjoni tad-dritt tiegħu għal ħlas tal-bilanċ dovut.* » (**Peter Attard vs Lawrence u Carmen konjugi Fino**, Qorti tal-Appell, 28 ta' Marzu, 2008 citata b'approvazzjoni mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza gustament citata mill-avukat tas-socjeta` attrici waqt is-sottomissjonijiet orali taghha fl-

ismijiet **Vella Group Limited v. George Grech et** deciza fit-30 ta' Mejju, 2017 – enfazi mizjuda).

Illi fil-kaz in ezami ma rrizultax li c-cekkijiet inhargu skont xi skrittura li tindika li dan kien qed isir ghas-saldu jew bid-dicitura *in full and final settlement* u m'hemm xejn li jista' jigi kkunsidrat bhala ftehim **car u univoku** li l-pagamenti tal-konvenut kellhom jitqiesu ghas-saldu. Jigi nutat li l-istess konvenut, ghalkemm suppost kien prezenti ghal-laqgha li tixhed dwarha Dr. Tua fl-ufficji tas-socjeta` attrici, baqa' qatt ma xehed f'dawn il-proceduri. Anke r-rapprezentanti legali tieghu, in kontro-ezami, l-ewwel xehdet li « *Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li effettivament* ***ma gietx diskussa xi somma partikulari*** *anke waqt il-laqgha ma' Chris Borg dwar liema somma din kellha tibqa' skoperta u cioe` mhux koperta bic-cekkijiet.* » imma mbaghad xehdet ukoll li « *Peress li* ***konna ddiskutejna sahansitra d-discount relattiv hadtha li hu kien qed jaccetta dan l-ammont ghas-saldu*** ». Fl-okkazjoni tal-istess kontro-ezami imsemmi gie imfisser ukoll li « *Dawn ic-cekkijiet kont ktibthom jiena bl-intendiment li dawn ikunu ghas-saldu u cioe` l-ammont li ma kienx kopert bic-cheques effettivament ikunu mitlufin min-naha tas-socjeta` attrici* ». Jidher allura li, effettivament, ma kienx hemm ftehim konklussiv bejn il-partijiet li l-hlas ikun ghas-saldu (anke ghaliex il-verzjoni li kien hemm xi diskussjoni dwar l-iskont mahsub ghalih mill-konvenut giet kontradetta u allura wisq anqas seta' r-rapprezentant tas-socjeta` attrici jaqbel ma' tali skont fil-prezz mitlub) imma mera intenzjoni unilaterali li, gjaladarba gew accettati ic-cekkijiet post-datati f'ammont kumplessiv inferjuri ghas-somma globali pretiza mis-socjeta` attrici mel'allura is-socjeta` attrici kienet qed tirrinunzja ghall-bilanc rimanenti mhux kopert mill-istess cekkijiet. Certament li, skont il-gurisprudenza nostrana kif hawn fuq citata, dan m'huwiex il-mod illi bih jitlahaq ftehim vinkolanti ghall-hlas ghas-saldu.

Perdipiu`, bil-kontra ta' dak allegat mill-konvenut, mill-provi prodotti – senjatament tramite l-*invoices* mahrugin lill-konvenut - jirriżulta li s-socjeta` attrici baqghet tinsisti li l-pagament dovut lilha kien fl-ammont globali minghajr ebda tnaqqis u l-konvenut, li baqa' qatt ma cahad li ma rceviex tali *invoices*, kellu jkun konsapevoli ta' dan. Tant hu

hekk li, fit-30 ta' Mejju, 2016 nbagħtet ukoll ittra uffiċjali u lanqas ma nħarġu riċevuta fiskali «*peress li ahna konna ridna li effettivament nigbru l-ammont kollu dovut minnu qabel nohorguhom* » (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minn Christopher Borg a fol. 27 tal-process). Il-*ledger* tas-socjeta` attrici ukoll jindika li dawn il-pagamenti kienu qeghdin jitqiesu akkont tas-somma totali dovuta, minghajr ebda skont approvat (fol. 34 et. seq.). Konsegwentement mill-apprezzament tal-provi prodotti ma jistax jingħad li meta l-attriċi accettat u sarrfet iċ-ċekkijiet kienet b'daqshekk aċċettat tali pagament bħala ħlas għas-saldu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici is-somma mitluba ta' elfejn, tlett mija u disgha u hamsin euro u wiehed u ghoxrin centezmi (€2359.21) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (166A) bin-numru 58/2016 u datata 30 ta' Mejju, 2016 u bl-imghax legali mit-30 ta' Mejju, 2016 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**